MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 210/2007

**William Gauci f'ismu u kif esercenti n-negozju Stereo Vision Sales Services & Security**

**Vs**

**Softual Developments Co. Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta` Frar, 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur, is-somma ta' erba` mija u sitta u tletin liri Maltin u sittin centezmu (Lm436.60 - illum €1,017.00 Euro), rapprezentanti danni konsistenti f'ordni ta` website gdida ma` socjeta ohra, meta dik ordnata minghand is-socjeta` konvenuta baqghet qatt ma hadmet tajjeb.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tad-dirigenti tas-socjeta` konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikata legalment is-socjeta` konvenuta ma deheritx la fis-seduta tal-11 ta` Jannar, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokument ezebit u mmarkat Dok A.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici, s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` €1,017.00 (Euros) gia` Lm436.60, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------